# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar l-Erbgha 10 ta' Jannar 2018**

**Rikors Numru: 128/2017 JPG**

**Kawza Numru:26**

**Frank Borda Ltd (C -446)**

**VS**

**Bezzina Raymond detentur tal-karta ta' l-identita numru 737262(M), Bezzina Maria Dolores sive Doris Bezzina detentrici ta' karta tal-identita numru 170865(M), Bezzina Car Hire Company Limited (C -17654)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-intimati Raymond Bezzina et, datat 9 ta' Frar 2017, (vide fol 1 et seq), li jaqra hekk:

1. *Illi huma ghadhom kemm gew notifikati b'avviz b'appuntament ta' din is-Subbasta. In effetti qed jiddikjara li huwa ma kienx jaf b'din is-Subbasta u bl-appuntament taghha qabel illum;*

2. *Illi l-vetturi li taghhom qed jintalab il-bejgh b'subbasta, kienu diga inghataw lis-socjeta rikorrenti minn l-intimati stess, u dan permezz ta' ftehim illi l-partijiet kienu lhaqu bejniethom qabel ma gie ntavolat il-Mandat li ta lok ghal din is-Subbasta;*

3. *Illi filfatt il-ftehim li ntlahaq bejn il-partijiet kien fis-sens li l-vetturi jigu ritornati a saldu tal-pretensjonijiet kollha tas-socjeta rikorrenti;*

4. *Illi dan jirrizulta anke mill-fatt illi ghal numru sostanzjali ta' dawn il-vetturi, l-esponenti kien iffirma l-log book taghhom sabiex is-socjeta rikorrenti tkun tista' facilment u liberament taghmel it-trasferiment taghhom;*

5. *Illi filfatt, s-socjeta rikorrenti diga bieghet, xi whud mill-vetturi hekk ikkonsenjati lilha;*

6. *Illi ghalhekk ghandu jirrizulta illi l-ammont dovut lis-socjeta rikorrenti diga gie saldat;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tisospendi s-subbasta fl-ismijiet premessi u dan taht dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-Risposta tas-socjeta Frank Borda Ltd (C 446) datata 16 ta' Frar 2017, (vide fol 5 et seq), li taqra hekk:

1. *Illi t-talba ghandha tigi michuda u dan billi l-esponenti ghandhom titolu ezekuttiv u sussegwentement gie segwit permezz ta' mandat ta' sekwestru fuq il-vettur relattivi. Mill-ezami tar-riferti ta' notifika jista' jinduna li ma tantx kien hemm ko-operazzjoni mill-intimati.*

2. *Huwa minnu li l-intimat/intimati sussegwentement kkoperaw sabiex il-vetturi jinbieghu u jigu kreditati fil-kont spettanti lill-esponenti izda wara dan irrizulta li dawn il-vetturi kellhom multi sostanzjali ta' traffic offences kif ukoll licenzji mhux imhallsa u late payment fines u minhabba f'hekk ma setghax isir it-transfer relattiv. Is-socjeta esponenti qatt ma accettat li taghmel tajjeb ghal dawn il-multi li skont il-prospett hawn anness jirrizulta li huma sostanzjali, u dawn ma jinkludux ammonti ohra dovuta minhabba late payment u licenzji mhux imhallsin.*

3. *Kien proprju ghalhekk illi l-esponenti ma kellhomx alternattiva hlief li jipprocedu bil-proceduri ta' subbasta billi l-ligi tistipula illi f'kaz simili, meta l-vettura tigi akkwistata lura mill-venditur huwa ma jkunx responsabbli ghal tali multi u licenzji. Qatt ma kien hemm intiza li l-esponenti jaghmlu tajjeb ghal dan.*

4. *Apparti dan il-vetturi huma vicin il-5 snin li ilhom fit-triq. Kienu wzati ghall-kiri bhala self drive u diversi minnhom ghandhom daqqiet u hsarat. Il-kondizzjoni taghhom m'hijiex tajba u effettivament dan huwa kaz fejn is-socjeta esponenti "he is cutting his losses" minhabba li l-intimati ghandhom diffikultajiet kbar finanzjarji.*

5. *Finalment, stante d-diffikulta li l-intimat/intimati jigu notifikati bl-atti tas-subbasta, l-esponenti jitolbu li din l-Onorabbli Qorti, fl-eventwali decizjoni taghha, apparti li tichad it-talba ta' Bezzina, tappunta s-subbasta mill-gdid u li tali decizjoni titqies bhala gia notifikata lilhom stante li qed tinghata fl-atti proposti minnhom stess.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Raymond Bezzina** xehed a fol 10 *et seqq* illi Paul Borda, ghas-socjeta ezekuttanti, kien baghtlu *sms* permezz ta' liema informah illi kien sab bejgh ghall-vetturi,li x-xhud kien xtara

minghand is-socjeta ezekuttanti bil-prezz ta' €6,800 il-wahda. Zied ukoll illi bil-kliem Borda kien anke qallu li kien ser jaghtih €500 ghal kull karozza. Qal li ghalhekk huwa kien ittirtorna l-karozzi bic-cwievet *spare* b'kollox. Spjega li kien hadhom fix-*showroom* tas-socjeta esekuttanta, bil-*logbooks*, u li filfatt kien iffirma uhud mill-*log books* ghax sar xi *transfer*. Fuq mistoqsija tal-Qorti, xehed illi huwa kien irritorna l-karozzi kollha li kien xtara minghand is-socjeta esekuttanta, ghalkemm ma kienx inghata ricevuta ghal dan. Xehed illi l-karozzi kien xtrahom godda, u ghadhom f'kondizzjoni tajba, ghalkemm hemm zewg karozzi li kellhom ftit hsara. Xehed illi inizjalment kien beda jaghmel il-pagamenti dovuti ghal dawn il-vetturi ghalkemm imbaghad kien waqaf ihallas.

**In kontro-ezami** a fol 14 *et seqq* xehed illi jiftakar li kien gie notifikat b'ittra ufficjali bil-kopja tal-kambjali maghha, ghalkemm meta gie muri l-ittra qal li ma jiftakarix. Xehed ukoll illi ma kienx ircieva l-atti rigward din is-subbasta. Mistoqsi kif kien sar jaf b'dawn il-proceduri xehed illi dan kien ghaliex kienet tahtomlu marixall waqt li kien qieghed il-Qorti ftit qabel ma intavola r-rikors in kwistjoni.

Prodott mis-socjeta rikorrenti a fol 105 *et seqq* xehed illi l-vetturi in kwistjoni kienu ilhom ghandu xi sentejn u kien juzahom biex jikrihom. Qal illi huwa ta l-vetturi kollha lura lis-socjeta ezekuttanti bil-kelma t-tajba u ma rega' sema' xejn dwarhom. Spjega li l-vetturi kien irritornahom f'zewg okkazzjonijiet, billi l-ewwel *lot* gie ritornat qisu xi sena qabel filwaqt illi t-tieni lot xi xhur qabel, ghalkemm fl-ebda darba ma kien gie marixall ghalihom izda kien irritornahom bil-kelma t-tajba. Mistoqsi x'kien jigri meta l-klijent li jkun kera karozza kien jehel xi multa, xehed illi l-flus kienet tigborhom il-kumpanija tal-Goldcar, li kienet *partner* tal-kumpanija tieghu. Spjega illi eventwalment kien irrizultalu li Christian Borg tal-Goldcar kien qieghed jiddefrodah u ma jghaddilux il-flus li kienu jmiss lil kumpanija tieghu, tant illi fetah proceduri kontra tieghu, u li kien ghalhekk illi kien waqa' lura fil-hlasijiet dovuti lis-socjeta ezekuttanti.

**Graziella Bezzina** illi hija tigi bint Raymond Bezzina xehdet a fol 34 *et seqq* u qalet illi fil-31 ta' Jannar tas-sena 2017 kien cemplilha Paul Borda u hija baghtitlu messagg awtomatiku li ma setghetx tirrispondih. Spjega illi Borda kien wiegeb li kellhu ahbar tajba ghal missierha u ghalhekk talabha tghidlu biex tghidlu jikkuntatjah malajr, u hi ghalhekk informatu li missierha ma setghax jaghmel dan peress li kien qieghed l-isptar jigi preparat ghal operazzjoni. Qalet illi Borda kompla jinsisti u jibghat hafna messaggi u jcempel sakemm fl-ahhar irrispondietu biex

terga tispjegalu li ma setghatx tkellmu ghaliex kienet qieghda l-isptar ma' missierha. Kompliet illi kien dak il-hin li Borda kien qalilha li kien sab bejgh ghal karozzi li kien xtara missierha ghas-somma ta' €6,500 il-wahda. Qalet illi filfatt minn dawn il-vetturi diga gew mibjugha xi tmienja, u taf b'dan ghaliex missierha kien iffirma l-*log books* biex ikun jista' jsir it-trasferiment u anke ghaliex xi nies kien ikkuntatjaw lil missierha ghac-cwievet *spare,* liema persuni kienu jahdmu ma' Borda u kien xtraw xi karozzi minn hemmhekk.

**Stephen Cachia, in rapprezentanza ta' Transport Malta,** xehed a fol 48 *et seqq* illi fuq kull wiehed mid-dokumenti li pprezenta, hemm id-dettalji tal-vettura u l-multi pendenti relattivi ghall-istess vetturi. Spjega li l-ammont li jidher jirrifletti l-ammont ta' multi imdahhlin fis-sistema tat-Trasport Malta, u li ghalhekk jista' jkun li l-multa tkun aktar gholja milli tidher ghaliex ikun hemm xi multi li jkunu ghadhom ma ddahhlux fis-sistema.

**Brian Cachia,** Financial Controller fi hdan is-socjeta ezekuttanti xehed permezz ta' affidavit a fol 114 *et seqq* illi Ray Bezzina xtara minghand is-socjeta esekuttanta 33 vettura tat-tip Skoda fuq Hire Purchase, u ghal kull vettura kien hemm kuntratt ta' bejgh kif ukoll kambjali. Qal illi dan ix-xiri kien sar bejn Awissu 2012 u Lulju 2013 ghas-somma totali ta' €454,639. Xehed illi sa Dicembru 2014 Bezzina kien qed jaghmel pagamenti regolari izda mbaghad jidher li kien qed isibha difficli jonora l-pagamenti dovuti tant illi fil-5 ta' Marzu 2015 kien gie ffirmat ftehim iehor peress illi Bezzina kien diga waqa lura hames xur fil-pagamenti, permezz ta' liema ftehim Bezzina kellu jibda jhallas l-ammont ta' €6,189 biex jerga jigi ghan-normal. Qal illi pero mid-data ta' dan il-ftehim saru biss zewg pagamenti regolari ma thallsux l-arretrati kif miftehma, u sa Novembru Bezzina kien waqa' lura b'aktar minn 12 -il xahar fil-pagamenti dovuti, biex b'hekk l-ammont dovut lis-socjeta ezekuttanti kien fl-ammont ta' €287,997.93.

Spjega illi peress li kien jidher li Bezzina ma kienx ser jasal biex jonora l-kuntratti ta' dawn il-vetturi, kienet saret laqgha ohra f'Novembru 2015 fejn Raymond Bezzina u bintu Graziella Bezzina kienu accettaw li jirritornaw lura l-vetturi sabiex s-socjeta ezekuttanti ssib il-bejgh taghhom. Filfatt bejn Novembru 2015 u Settembru 2016 kien gew ritornati l-vetturi kollha. Xehed illi pero, peress illi Bezzina kien zamm dawn il-vetturi ghal sena shiha qabel ma rritornahom barra fit-triq minghajr licenzji u poloz ta' assikurazzjoni mhallsa, meta gew

irritornati kien hemm citazzjonijiet dovuti fl-ammont **totali ta' €62,657**, li Bezzina ma kienx semma lis-socjeta ezekuttanti u li filfatt s-socjeta ezekuttanti saret taf bihom biss meta kienu inbieghu sitta mill-vetturi ritornati.

Xehed illi fl-ebda mument fil-korrispondenza jew negozjazjonijiet ma' Bezzina ma kien intqal illi s-socjeta ezekuttanti kienet ser tacetta l-vetturi a saldu tal-pretensjonijiet kollha kif qed jigi allegat minn Bezzina tant illi fil-komunikazzjoni tal-11 ta' Novembru 2015, s-socjeta ezekuttanti kienet avzat lil Bezzina li wara l-bejgh tal-vetturi Bezzina kellhu jhallas immedjatament l-ammont li jibqa' jew li jitkompla jithallas fix-xahar. Qal illi wara li saru jafu rigward ic-citazzjonijiet, kien qalu lil Bezzina li l-vetturi ma setghux jinbieghu qabel ma' Bezzina ikun hallas ic-citazzjoni kollha. Qal illi a kuntrarju ta' dak li xehed Bezzina, is-socjeta ezekuttanti kienet tat rendikont shih tal-vetturi li kien wassal il-garaxx u qal illi dawn kollha kellhom xi forma ta' hsara, u uhud minnhom tant kellhom hsara li kellhom jitwasslu b'*tow truck.* Zied li Bezzina kien anke rritorna xi vetturi minghajr cavetta u ghalhekk zgur ma jistghax jinghad li ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni bejn il-partijiet wara r-ritorn tal-vetturi. Qal ukoll illi Bezzina kien rega gie avzat rigward il-posizzjoni tas-socjeta ezekuttanti dwar ic-citazzjonijiet f'Marzu 2016, meta kienu qalulu illi jekk ma jhallashomx l-unika mezz li jkollha socejta esekutanti huwa li tressaq kaz il-Qorti biex il-vetturi jinbieghu b'subbasta.

Qal illi f'Gunju 2016 is-socjeta ezekuttanti kienet resqet kaz il-Qorti u f'Awissu tal-istess sena Graziella Bezzina kienet tablet aktar informazzjoni fuq ammont ta' €50,000 murija fuq wiehed mis-sekwestri u riedet ukoll tkun taf aktar informazzjoni dwar il-bilanc li fadal fuq il-Hire Purchase *account,* wara liema s-socjeta esekuttanta kienet baghtet lil Bezzina komunkazzjoni li kienet turi bic-car li tellghu somom kbar ta' citazzjonijiet u anke l-fatt li sebgha vetturi kienu ghadhom barra fit-triq, oltre li taw rendikont li sitt vetturi kienu nbieghu ghal ammont totali ta' €37,400, li minnhom thallus €11,486 f'citazzjonijiet. Qal ukoll illi l-vetturi in kwistjoni bejn jinstabu fit-triq mill-Pulizija li ordnaw li jigu garaxxijiet, u rigward wahda minnhom il-Pulizija kienu anke qed javzaw li jekk jergu jisbuha barra jiddistruguha, tant illi sabiex haditha lura s-socjeta ezekuttanti kellha ssir dikjarazzjoni li kien hemm mandat fis-sehh.

Xehed illi s-socjeta ezekuttanti, permezz ta' proceduri fil-Qorti resqet ittri ufficjali biex jithallas id-dejn li kien hemm fuq il-Hire Purchase *account* izda kellhom problema jinnotifkaw

lil Bezzina u ghalhekk kellu jigi notifikat permezz tal-procedura tal-affissjoni u publikazzjoni. Qal illi m'huwiex minnu illi Bezzina ma kienx jaf bis-subbasta u dan billi mhux biss gie notifikat bil-proceduta prevista mill-ligi izda anke billi kien kellmu hu stess bit-telefon fit-3 ta' Frar 2017 u Bezzina kien accetta li jigbor il-karti minghand il-marixall it-Tnejn 6 ta' Frar 2017, ghalkemm ma zammx kemmtu, u rnexxilu jinnotifikah ghaliex kien jaf illi fid-9 ta' Frar 2017 kien ser ikollu kaz il-Qorti u ghalhekk talab li Bezzina jigi nnotifikat waqt li jkun il-Qorti.

**In kontro-ezami** a fol 149 et seqq ikkonferma li r-rikorrent kien akkwista 33 vettura minghand is-socjeta esekutanta u gew ritornati 33 vettura mir-rikorrent. Spjega li pero huwa qed jaghmlu din il-procedura peress illi kien l-unika mezz kif LESA u t-Transport Malta jkunu jistghu jwaqqghu ic-citazzjonijiet peress li jkunu haduhom huma bhala l-vendituri originali. Xehed illi filfatt, fir-rigward tas-sitt karozzi li irnexxilhom ibieghu, kwazi 30% tal-valur li gabru intuza sabiex jithallsu c-citazzjonijiet li kien hemm pendenti fuqhom. Xehed li l-karozzi li nbieghu kellhom valur ta' xi €11,000 u nbieghu ghal €6,500 li huwa prezz ragonevoli kkonsidrat ic-cirkostanzi. Qal li dan il-prezz kien gie anke diskuss mar-rikorrent. Xehed li numru iehor ta' karozzi kienu inbieghu bis-subbasta u llum il-gurnata fadal biss xi erba' mil-karozzi mibjugha lir-rikorrent.

**Paul Borda** xehed a fol 142 *et seqq* illi kienu intbghatu l-messagi esebiti mir-rikorrenti ghaliex ma setghux jaqbduh bl-ebda mod u kellhom bzonn li jmur l-ufficju ghaliex kien tahom lura xi karozzi izda kien zamm ic-cwievet taghhom, u kienu qed jiehdu spazju fil-garaxx, apparti li ma kienx hallas ic-citazzjonijiet li kien hemm fuqhom.

**In kontro-ezami** a fol 144 et seqq xehed illi r-rikorrent lanqas biss kien qalilhom li ha jiehu l-karozzi, u kien qabad u ha numru ta' karozzi, ipparkjahom fil-car park tas-*supermarket* taghhom u hallihom hemmhekk minghajr cwievet u kien ghalhekk li kienu qed jipprovaw jaqbduh. Xehed illi llum il-gurnata ftit mill-karozza li rritorna r-rikorrenti inbieghu.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi m'huwiex kontestat illi r-rikorrenti irritornaw lura l-vetturi kollha li kienu xtraw minghand is-socjeta esekuttanta u li huma s-suggett tal-*Hire Purchase Agreement* u l-kambjali li taw lok ghal din is-subbasta. Il-Qorti rat ukoll illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kwistjoni pendenti bejn il-partijiet ma tirrigwardax ghalhekk il-bilanc dovut fuq il-vetturi skont il-kambjali mahruga, izda tirrigwarda danni u citazzjonijiet(multi) illi s-socjeta esekuttanta tishaq li huma responsabbilita tar-rikorrenti u li ghalhekk ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom huma. Il-Qorti tqis pero illi din is-subbasta ma tistghax tintuza mis-socjeta esekuttanta sabiex taghmel tajjeb ghad-danni allegatament subiti minnha kagun l-agir tar-rikorrenti, ghaliex it-titolu ezekuttiv tas-socjeta esekuttanta m'huwiex ibbazata fuq tali danni, izda fuq il-bilanc dovut ghall-vetturi mixtrija mir-rikorrenti, liema vetturi diga gew ritornati lis-socjeta ezekuttanta li accetathom u filfatt diga bieghet numru minn dawn il-vetturi.

Il-Qorti tqis illi li kieku kellha tordna l-prosegwiment ta' din is-subbasta, tkun qed tippermetti lis-socjeta ezekuttanti tibbenefika minn *unjustified enrichment* ghaliex tkun qed thalli illi s-socjeta ezekuttanti tithallas il-bilanc dovut fuq karozzi li gew ritornati lilha mid-debitur taghha, u zgur li s-socjeta ezekuttanti ma tistghax tippretendi li tiehu lura l-vetturi in kwistjoni kif ukoll tithallas il-bilanc dovut ghalihom.

Filfatt jidher illi dan m'huwiex dak li trid taghmel is-socjeta ezekuttanti, ghaliex mir-risposta, mix-xhieda u mit-trattazzjoni jidher car li s-socjeta ezekuttanti qed tippretendi li tkompli din is-subbasta sabiex tigi indenizzata ghad-dannu subit minnha, principalment minhabba ic-citazzjoni li hemm pendenti fuq il-vetturi in kwistjoni. Pero kif diga intqal, is-socjeta ezekuttanti ghandha biss titolu esekuttiv fir-rigward tal-bilanc pendenti fuq il-karozza mibjugha lir-rikorrenti, u mhux fir-rigward ta' citazzjonijiet u danni, u ghalhekk ma tistghax tipprocedi b'din is-subbasta ghal dak l-iskop galadarba m'ghandiex titolu esekuttiv.

Dan apparti illi l-Qorti *obiter* tirrileva illi ghandha d-dubbju taghha jekk hux possibli illi jinbieghu dawn il-vetturi bis-subbasta, meta dawn il-vetturi ma jappartjenux lil Bezzina et, qua

debituri, izda ghadhom jappartjenu lis-socjeta ezekuttanti, u dan kkonsidrat in-natura tal-ftehim ta' *hire purchase*, skont liema it-titolu fuq il-vetturi in kwistjoni jghaddi ghand ix-xerrej biss wara li jithallas l-ammont kollu dovut, haga li *ex admissis* mill-partijiet kollha baqghat ma saritx, u ghalhekk Bezzina *et* ghadhom ma sarux il-proprjetarji ta' dawn il-vetturi. Ghalhekk jekk dawn il-vetturi jinbieghu bis-subbasta, ma tkunx qed tinbiegh proprjeta ta' debitur kif trid il-ligi, izda proprjeta li hija attwalment tas-socjeta ezekuttanti stess, u li sahansitra tinstab fil-pussess taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tissospendi s-subbasta fl-ismijiet premessi.

Spejjez a karigu tas-socjeta ezekuttanti.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**